MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1022/2002

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**Joseph u Mariella Gatt.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Settembru, 2002 li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-Bank attur hu proprjetarju tal-fond 16 Qormi Road, Attard li gie liberat favur il-Bank attur gja' l-Mid Med Bank

Limited, fis-26 ta' Gunju 1996, debitament registrat fl-14 ta' Awissu 1996 wara bejgh fl-irkant mizmum taht l-Awtorita' ta' din l-Qorti (Dok A anness).

Illi l-konvenuti kienu u baqghu illegalment u abusivament jokkupaw il-fond fuq imsemmi, kif jidher minn estratt tar-Registru Elettorali (Dok B anness) u, ghalhekk, huma passibbli ghad-danni ghall-okkupazzjonijiet illegali tal-fond.

Illi kif jirrizulta mic-certifikat peritali hawn anness u mmarkat Dok C u D, il-valur lokatizzju tal-fond hu ta' Lm1848 fis-sena, ghas-snin 1996 sa 1999, u ta' Lm2806 fis-sena, ghas-snin 2000 'il quddiem.

Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti nonostante interpellazzjoni bonarja tat-8 ta' Lulju 2002 (Dok E).

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw il-fond 16 Qormi Road, Attard proprjeta' tal-Bank attur, minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi u kkundannahom jizgombraw mill-istess, f'terminu qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss.

2. Tiddikjarahom passibbli ghad-danni ghall-okkupazzjoni illegali ta' l-istess fond, u

3. Tillikwida d-danni, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, a bazi ta' l-istimi peritali hawn annessi, u

4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-Bank attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Jonathan de Maria ID 367569(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fl-24 ta' Dicembru, 2002 li permezz taghha il-konvenuti ecepixxew:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 2004 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-kompetenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza ai termini tal-artiklu 48 tal-Kap. 12.

Dan l-artiklu jghid li l-Qorti tal-Magistrati hija l-Qorti komptenti f' kawzi ghall izgumbrament meta l-valur tal-kawza ikun inqas minn elf lira skond ir-regoli tal-istess Kap 12.

Hu minnu li f' din il-kawza qed jintalab l-isgumbrament tal-konvenuti mid-dar imsemmija izda minghajr ma hemm ghalfejn wiehed jidhol fil-mertu ta' din il-kwistjoni, hu facilment konstatabbli minn esami tac-citazzjoni illi l-atturi qed jitolbu affarijiet ohra ukoll. Fil-fatt ic-citazzjoni fiha hames talbiet, fosthom talba ghal likwidazzjoni ta' danni u talba ghall-kundanna ghall hlas ta' danni. Hu facilment ukoll

konstatabbli illi il-valur tal-kawza ma jistax jigi determinat skond l-artikoli 746 et seq tal-istess Kap 12. Billi din il-Qorti hija kompetentili tisma’ l-kawzi kollha li skond il-ligi ma jaqghux taht il-kompetenza ta’ xi Qorti jew Tribunal iehor ma hemmx dubbju illi din
il-Qorti hija kompetenti biex tisma’ u taqta l-kawza odjerna.

Kif gia’ inghad il-Qorti mhijiex se tidhol fil-kwistjoni tal-valur tal-kirja ghaliex tali esami ikun superflwu.

Il-konvenuti ma gabu ebda prova li tikkontradici dik tal-atturi ghal dak li jirrigwardja t-titolu.

Ghar-rigward tad-danni l-atturi esebew kopja tar-relazzjoni tal-AIC Rene Buttigieg fl-atti tas-subasta u rapport tal-perit inkarigat minnhom l-AIC Karm Farrugia. Dan tal-ahhar pero’ ma ikkonfermax ir-rapport bil-gurament u kwindi l-Qorti mhijiex se tiehu konjizzjoni tar-rapport tieghu. Il-Qorti tista’ tibbaza biss fuq ir-rapport tal-perit Buttigieg billi dan hu parti minn att tal-Qorti, u minnu jirrizulta li il-propjeta’ giet valutata Lm30,000 izda mill-kopja tal-iskrizzjoni ipotekarja inbieghet Lm20,000 (Dok A - fol 6 tal-process) fl-1996. Ghalhekk il-Bank jista jilmenta li ma gawdhiex il-propjeta’ mill-1996 (meta akkwistaha). Bhala valur lokatizju il-Qorti, *abitrio bonii virii* qed jillikwida hamsa fil-mija ta’ dan l-ammont mis-snin 1996 sal-2004 u kwindi elf lira fis-sena, b’ kollox tmint elef lira.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti u**

**1. Tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw il-fond 16 Qormi Road, Attard propjeta’ tal-bank attur minghajr titolu validu skond il-ligi u tordnalhom jisgombraw minnu fi zmien tlett xhur mill-llum,**

**2. Tiddkjarahom passibbli ghad-danni ghall-okkupazzjoni illegali tal-istess fond, u**

**3. Tillikwida d-danni ghall-ammont ta’ tmint elef liri maltin,**

**4. Tikkundannahom ihallsu lill-bank attur is-somma ta’ LM8,000.**

**Bl-ispejjes jithallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------